Verżjoni Elettronika

A.L. 273 tal-2025

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
(KAP. 117)

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT
(KAP. 549)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi u l-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ u l-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Restrizzjonijiet fuq it-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 117.41.
L.S. 549.140.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minnufih qabel it-tifsira "ippakkjar" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "konfetti tal-plastik" tfisser biċċiet jew streamers magħmulin kompletament jew parzjalment mill-plastik;".

Iżid regolament ġdid mar-regolament prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' konfetti tal-plastik.

4A. It-tqegħid fis-suq ta' confetti tal-plastik għandu jkun ipprojbit:

Iżda sitt (6) xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, kwalunkwe distribuzzjoni, konsum jew użu, kemm jekk isir bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas tal-konfetti tal-plastik, għandu wkoll ikun ipprojbit.".

Verżjoni Elettronika

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "ir-regolament 4" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-regolamenti 4 u 4A".